## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR GABRIEL KITCHER) V. ANTHONY MC KAY (KI. 267270M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**26 ta' April 2024**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Anthony Mc Kay, iben Anthony Mc Kay u Josephine Mc Kay neè Agius, residenti fil-fond 'Paksos Court', Flat 3, Triq Mater Boni Consilii, Fgura, detentur tal-karta tal-identità 0267270M u mwieled tal-Pieta' Malta nhar is-16 ta' Ġunju 1970 (imsejjaħ "l-imputat") li tressaq taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 26 ta' April 2024 mixli illi bejn is-27 ta' Ottubru 2023[1] u l-15 ta' April 2024 u kif ukoll nhar it-22 ta' April 2024 bejn is-05:55 HRS u l-10:01 HRS, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. **B'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 251 subinċiż 3 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta**

2. **Talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni, u dan bi ksur tal- Artikoli 18 u 339, subinċiż 1, paragrafu (e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

---

[1] Fis-seduta tal-lum 26 ta' April 2024 il-Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jkun hemm korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni fis-sens illi l-kliem "27 ta' Awwissu" jiġu jaqraw "27 ta' Ottubru 2023".

3. **Talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew l-indizji ta' reat, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 111, subinċiż 2 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

4. **Talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 kif ukoll Artikolu 49 paragrafu (a) tal-Att biex jirregola Kumunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.**

5. **Talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 kif ukoll tal-Artikolu 49 paragrafu (ċ) tal-Att biex jirregola Kumunikazzjonijiet Elettroniċi, Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.**

wara li rat li ġiet mitluba ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Jacqueline Camilleri I.D. 0396791M, Josephine Camilleri I.D. 504671M, Dustin Caruana I.D. 0100988M u Simon Chetcuti I.D. 0377169M u dan billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni offiżi ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 26 ta' April 2024, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi u ċioe l-Art. 18, 111(2), 222(1), 251(3), 339(1)(e), 382A u 412D tal-Kap. 9, l-Art. 49(a) u 49(ċ) tal-Kap. 399 u l-Art. 7(5) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih iżda minflok timponi piena karċerarja:**

- **peress illi hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jissussistu l-elementi rikjesti mill-Liġi, ai termini tal-Artikolu 7(1), (2) u (5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Probation u Trattament għal perjodu ta' tliet snin millum. Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reat li tiegħu instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jiġi sottopost għalih il-ħati. Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation mogħti bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja uffiċjal tal-probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur, u**

- **ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni sabiex ikun jista' jiġi mgħejjun jegħleb il-vizzji tad-droga u x-xorb**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuni msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**V.G. Axiak** | **Y. M. Pace**

**Maġistrat** | **Dep. Reġistratur**